**Kunsill Lokali Ħal Balzan**

# Rapport Amministrattiv

# 2025

*Imħejji minn Doriette Farrugia, Segretarju Eżekuttiv*

## Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **L-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **8** |
| **Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | **11** |

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan matul is-sena.

Matul is-sena 2025, tkompliet il-ħidma tal-Kunsil tal-Għaxar Leġislatura, li l-bidu tagħha kien fl-1 ta' Lulju 2024.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef | Sindku |
| Edward Grech | Viċi Sindku |
| Annalise Galea | Kunsillier |
| Mary Louise Briffa | Kunsillier |
| Dr Oliver Nicholas De Gaetano | Kunsillier |

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Matul is-sena 2025 inżammu tnax (12) -il laqgħa tal-Kunsill u żewġ (2) laqgħat tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 8 – 19 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 2 – 3** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dr Angelo Micallef | 14 | - | - | 100 |
| 2 | Edward Grech | 14 | - | - | 100 |
| 3 | Annalise Galea | 10 | 4 | - | 71 |
| 4 | Mary Louise Briffa | 12 | 2 | - | 86 |
| 5 | Dr Oliver Nicholas De Gaetano | 13 | 1 | - | 93 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Doriette Farrugia | Segretarju Eżekuttiv |
| Mariella Casha | Uffiċjal Amministrattiv II |
| Sonia Ellul | Uffiċjal Klerikali |
| Caroline Galea | Uffiċjal Klerikali |

Matul is-sena, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati:

| | |
|---|---|
| Martin Fenech | RSSL |
| Paul Debono | RSSL (ġie assenjat mal-Kunsill minn Novembru 2025) |

li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll l-għajnuna ta' dawn l-esperti:

| | |
|---|---|
| L-Avukat Chris Vella | Servizz Legali lill-Kunsill |
| Il-Perit Anthony Bezzina | Servizz ta' Perit |
| Is-Sur Mark Debono | Servizz ta' *Accountant* |

biex jgħinu lill-Amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lill-Kunsilliera huma kif ġej :

**Is-Sindku Dr Angelo Micallef**
Proġetti, l-Infrastruttura, l-Edukazzjoni u Attivitajiet Annwali

**Il-Viċi Sindku Edward Grech**
L-Ambjent, iż-Żgħażagħ u Tfal u l-Kultura

**Il-Kunsillier Annalise Galea**
Fondi tal-Unjoni Ewropea, il-Qasam Soċjali, il-Komunitajiet u l-Indafa

**Il-Kunsillier Mary Louise Briffa**
L-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Kunsill tat-Tfal

**Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano**
Il-Ħarsien tal-Annimali, *Sports* u Attivitajiet Fiżiċi u l-Integrazzjoni Soċjali

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

Dawn huma l-bilanċi bankarji tal-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2025:

| | |
|---|---|
| BOV Current Account | €627,745.99 |
| BOV Savings Account (LC Other Entities) | €1,523.23 |
| BOV Savings Account ( Local Enforcement System) | €19,717.72 |
| **Total** | **€648,986.94** |

Mit-total irid jitnaqqas l-ammont ta' €390.72 f'ċekkijiet li sal-31 ta' Diċembru 2025 kienu għadhom mhux imsarrfa.

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart imħallat, organiku, riċiklabbli u ħġieġ**
Mis-sena 2023, dan is-servizz għaddha taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun Tramuntana.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

***Roadshow Campaign***
Matul din is-sena, WasteServ kompliet b'din il-kampanja fejn darba fix-xahar, promoturi tal-immaniġġjar tal-iskart jakkumpanjaw trakk speċjalizzat f'kull lokalità. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jinħoloq għarfien dwar l-immaniġġjar tal-iskart biex jiżdied is-separazzjoni tal-iskart. It-trakk jaċċetta diversi affarijiet, fosthom li ma jmorrux fil-borża tal-iskart riċiklabbli bħal jablo, żejt tat-tisjir, bozoz u tessuti fost oħrajn.

Fil-każ ta' Ħal Balzan, it-trakk ikun fil-pjazza, fit-tielet Ħamis tax-xahar filgħodu.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal-bankini fejn kien meħtieġ.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**
Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-*Handyman* li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

**Ħarġiet organizzati mis-Sotto-Kumitat għall-Anzjani**
Matul din is-sena, ġew organizzati seba' (7) ħarġiet. Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill.

**Servizz ta' Shuttle għall-anzjani**
Din is-sena, il-Kunsill kompla joffri s-servizz ta' *Shuttle* għall-anzjani. Dan is-servizz jingħata mingħajr ħlas, fejn ir-resident għandu jċempel biex jibbukkja s-servizz.

**Serata Soċjo-Kulturali – Jum San Valentinu**
Din is-sena ġiet organizzata serata soċjo-kulturali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Valentinu. L-attività saret il-Ħadd, 16 ta' Frar 2025, fis-Sala Aurora. Parti mill-ispiża għal din l-attività ġiet iffinanzjata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u mir-Reġjun Tramuntana.

***Football Tournament***
Il-Ħadd 27 ta' April 2025 ġie organizzat *football tournament*, bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Żgħażagħ. Din l-attività saret fil-grawnd ta' *Sports Malta* f'Santa Venera.

***Clean-up***
Il-Ħadd 28 ta' Settembru 2025 ġiet organizzata *Clean-up,* fejn ġew imnaddfa numru ta' toroq fil-lokalità. Ftit mill-materjal użat biex sar it-tindif ġie provdut mir-Reġjun Tramuntana.

**Jum Ħal Balzan**
Għall-ewwel darba, din is-sena Jum Ħal Balzan, ġie ċċelebrat fuq jumejn. Is-Sibt 25 ta' Ottubru 2025 u l-Ħadd 2 ta' Novembru 2025.

Is-serata tas-Sibt kienet tikkonsisti f'kunċert bis-sehem tal-Każin tal-Banda San Gabriel u Kevin Borg.

Il-Ħadd, saret Quddies ta' Ringrazzjament, marċ żgħir bis-sehem tal-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata u l-preżentazzjoni tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Il-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ingħata lill-
- Arsenio Brincat fil-katergorija Lokali;
- Helen Cini fil-katergorija Lokali; u
- Joseph Cipriott fil-katergorija Lokali.

Din is-sena ġie mgħoti wkoll Rikonoxximent lill-Mro. Joseph Vella, lill-Mro. Raymond Cremona u lill-Kummissjoni tan-Nar tas-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata.

L-attivitajiet ta' Jum Ħal Balzan ġew iffinanzjati mir-Reġjun Tramuntana.

Il-Ħadd 2 ta' Novembru 2025 ixxandar il-programm Bonġu Malta, live mill-Pjazza.

**Attivitajiet għal żmien il-Milied**
Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu numru ta' toroq b'dawl dekorattiv. Parti mill-ispiża ġiet iffinanzjata mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, permezz ta' Skema biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' tiżjin tat-toroq għal żmien il-Milied.

Fil-Kappella ta' Triq it-Tliet Knejjes saret Wirja ta' Presepji mill-Għaqda Marija Annunzjata għal Ħal Balzan flimkien mal-Kunsill. Il-ftuħ uffiċjali tal-Wirja kien il-Ħadd 14 ta' Diċembru 2025. L-ispejjeż relatati mal-ftuħ uffiċjali ġiet iffinanzjata mir-Reġjun Tramuntana.

Fit-28 ta' Diċembru 2025, ġiet organizzata attività għat-tfal fis-Sala Aurora b'għajnuna finanzjarja mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u mir-Reġjun Tramuntana.

Din is-sena, il-Kunsill reġa' qassam 165 poinsettia b'xejn bħala ġest żgħir għal Milied. Residenti setgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità u kienu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served*.

**Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana**
Matul din is-sena, il-Kunsill ibbenefika minn Skema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana:

- RT 001/2025 – *Local Council Fund*
  Il-Kunsill se jibbenefika mis-somma ta' €27,777 sabiex jiġu ffinanzjati numru ta' inizjattivi.

**Skemi maħruġa minn entitajiet diversi**
Matul din is-sena, il-Kunsill applika għal numru ta' Skemi maħruġa minn entitajiet diversi. Dawn jinkludu:

- SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026
  Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €5,950.59 biex tiġi organizzata l-attività Jum San Valentinu 2026.

- SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025
  Il-Kunsill applika u bbenefika mis-somma ta' €3,548.42 biex ġiet organizzata l-attività Il-Milied f'Ħal Balzan 2025.

- SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità
  Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €34,539.56 biex isir xogħol ta' tisbieħ fil-*playing field*.

- Tiżjin tal-Milied fil-Lokalità 2025/2026 - MTA
  Il-Kunsill applika u ser jibbenefika mis-somma ta' €3,000 sabiex tiġi ffinanzjata parti mill-ispejjeż relatati mat-tiżjin ta' diversi toroq bi dwal tal-Milied. L-ispiża totali ta' dan il-proġett tammonta €5,840.00.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u tliet Kunsilliera.

- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsilliera bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalità, u minn hemm is-Segretarju Eżekuttiv bħala l-Amministrattur, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali m'hu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalità.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali, permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li jinħarġu minn żmien għal żmien, li jara lid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

**Impjegati tal-Kunsill**

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Balzan, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol, li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbiltà kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għas-sena 2025. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, Dr Angelo Micallef, tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsilliera tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-residenti u l-lokalità. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**IFFIRMAT**

____________________________

Doriette Farrugia
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2025 | 2024 |
|---|---|---|
| **Id-Dħul** | **€** | **€** |
| Mill-Gvern | **388,599** | 402,667 |
| Minn Kontravenzjonijiet | **2,144** | 1,847 |
| Ġenerali | **56,723** | 42,035 |
| Dħul Finanzjarju | **12** | 12 |
| **Total** | **447,478** | 446,561 |
| **L-Infiq** | | |
| Salarji | **(159,155)** | (139,426) |
| *Operations and Maintenance* | **(71,887)** | (182,924) |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | **(132,787)** | (151,664) |
| **Total** | **(363,829)** | (474,014) |
| **Bilanċ / (Defiċit)** | **83,649** | (27,453) |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2025 | 2024 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Dħul mill-Gvern** | | |
| Allokazzjoni Annwali | **328,887** | 392,654 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | **59,712** | 10,013 |
| Dħul ieħor Supplimentari | **0** | 0 |
| | **388,599** | 402,667 |
| **Dħul minn Kontravenzjonijiet** | | |
| Dħul minn *LES administration fees* | **1,981** | 1,639 |
| Dħul minn kontravenzjonijiet | **163** | 208 |
| | **2,144** | 1,847 |
| **Dħul Ġenerali** | | |
| Permessi | **56,723** | 42,035 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | **0** | 0 |
| | **56,723** | 42,035 |
| **Dħul Finanazjarju** | **12** | 12 |
| **Dħul Totali** | **447,478** | 446,561 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| <u>**Salarji**</u> | 2025 | 2024 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Onorarja tas-Sindku | **11,503** | 11,330 |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv | **42,076** | 66,220 |
| Salarji tal-Impjegati | **78,527** | 40,118 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | **9,049** | 8,758 |
| *Allowances* tal-Kunsilliera | **18,000** | 13,000 |
| | **159,155** | 139,426 |

***<u>Operations and Maintenance</u>***

| | | |
|---|---|---|
| **Tiswijiet u Manutenzjoni:** | | |
| Sinjali u Tabelli tat-Traffiku | **6,123** | 4,690 |
| *Public Property* | **6,020** | 22,910 |
| Marki tat-Traffiku | **606** | 530 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni Oħra | **3,852** | 874 |
| | **16,601** | 29,004 |

| | | |
|---|---|---|
| **Spejjeż ta' Kuntratti:** | | |
| Ġbir ta' Skart | **(335)** | 84,980 |
| Ġbir ta' Skart Goff | **5,198** | 4,973 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | **35,102** | 37,531 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika | **-** | 1,625 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-*Parks & Gardens* | **2,279** | 6,595 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni tad-dawl tat-toroq | **6,836** | 14,343 |
| Oħrajn | **6,206** | 3,873 |
| | **55,286** | 153,920 |
| | | |
| | **71,887** | 182,924 |
| | | |
| **Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra** | | |
| Dawl, ilma, telefon, internet, etc | **4,194** | 7,203 |
| Xiri ta' materjal (*Materials & Supplies*) | **1,780** | 2,324 |
| Kera | **2,300** | 2,300 |
| *Lease Interest* | **2,186** | 2,439 |
| *Memberships* | **-** | - |
| Spejjeż tal-uffiċċju | **2,824** | 23 |
| Trasport | **2,653** | 2,893 |
| Vjaġġar | **1,866** | - |
| Informazzjoni lill-Pubbliku | **649** | 1,680 |
| Servizzi Professjonali | **52,831** | 44,372 |
| Servizzi lill-Komunità u Attivitajiet | **33,763** | 39,030 |
| *Local Enforcement Expenses* | **90** | 65 |
| Spejjeż oħra varji | **80** | - |
| *Bad debts written-off* | **-** | 9,578 |
| *Assets written-off* | **219** | - |
| *Depreciation* | **27,352** | 39,757 |
| | **132,787** | 151,664 |
| | | |
| **Infiq Totali** | **363,829** | 474,014 |

# Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera minn Jannar sa Diċembru 2025

## Is-Sindku Dott Angelo Micallef

Responsabbli mill-Proġetti, l-Infrastruttura, l-Edukazzjoni u Attivitajiet Annwali

**Attivitajiet Annwali**

Matul is-sena 2025 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan żamm numru ta' appuntamenti li issa saru parti integrali mill-Kalendarju Annwali tal-Kunsill. Il-Ħadd 16 ta' Frar saret l-attivita' ta' Jum San Valentinu bis-sehem tal-kantant popolari Freddie Portelli u bis-sehem tas-Soċjeta' Filarmonika Marija Annunzjata, l-Każin tal-Banda San Gabriel u l-Balzan Youth Centre. Din l-attivita' saret grazzi għal kisba ta' fondi mill-gvern ċentrali. Hawn irrid nrodd ħajr lill-Kunsilliera Mary Louise Briffa ta' kull għajnuna mgħotija.

Fil-25 t'Ottubru saret attivita' oħra importanti fil-kalendarju annwali tal-lokalita', l-attivita' ta' Jum Ħal Balzan li din is-sena rat is-sehem tal-Każin tal-Banda San Gabriel u tal-kantant popolari Glenn Vella. Matul is-serata il-Balzan Youth Centre, is-Soċjeta' Filarmonika Marija Annunzjata u l-Każin tal-Banda San Gabriel ħadu sehem permezz ta' stand ta' l-ikel. Hawn irrid nrodd ħajr lill-Viċi Sindku Edward Grech u lill-Kunsilliera Mary Louise Briffa ta' kull għajnuna mgħotija. Grazzi wkoll lir-Reġjun Tramunata tal-fondi mgħotija.

Fit-2 ta' Novembru komplew iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Balzan b'quddiesa animata mis-Soċjeta' Filarmonika Marija Annunzjata, liema quddiesa kienet ukoll mxandra live fuq TVM bħala parti mill-program Bonġu Malta li kien qiegħed jiġi mxandar mill-pjazza ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill ikollabora mat-team tal-produzzjoni ta' TVM sabiex l-edizzjoni ta' Bonġu Malta min Ħal Balzan kienet suċċess.

Fit-28 ta' Diċembru, grazzi għal fondi mir-Reġjun Tramuntana u mill-gvern ċentrali saret l-attivita' Il-Milied f'Ħal Balzan fis-Sala Aurora. Attivita' li kellha fil-qalba tagħha lit-tfal b'show min magician, kantanti u animaturi u b'Santa Klaws idur u jieħu ritratti mat-tfal.

**Attivitajiet oħra**

Matul is-sena il-Kunsill kellu laqgħa mal-outreach team taċ-Ċentru Mediku Ċiniż f'Malta fejn fid-19 ta' Mejju fi Ġnien Joseph Stellini saret attivita' ta' promozzjoni tal-mediċina Ċiniża f'Malta

Fit-28 ta' Settembru f'Ħal Balzan saret clean up day fi Ġnien Joseph Stellini u Triq l-Imdina grazzi wkoll għall-kollaborazzjoni tar-Reġjun Tramuntana. Hawn irrid nrodd ħajr lill-Kunsilliera Annalise Galea ta' kull għajnuna mgħotija.

Bejn l-14 ta' Diċembru u l-25 ta' Diċembru l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan daħal bi sħab mal-għaqda Ħal Balzan u Marija Annunzjata f'wirja ta' prespji li saret fil-knisja l-qaddima fi triq it-Tlett Knejjes. Hawn irrid nrodd ħajr lill-Kunsilliera Mary Louise Briffa u lill-attivist Balzani Luigi Formosa ta' kull sforz li sar.

**Laqgħat Reġjun**

Matul is-sena 2025 żammejt ukoll l-impenn li nirrapreżenta lill-Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun Tramuntana, li tiegħu nservi wkoll bħala Viċi President. Nrodd ħajr lill-President tar-Reġjun Clifford Galea Vella li fih nsib spalla soda u ħabib sinċier. Dawn il-laqgħat tar-Reġjun isiru fuq minimum darba fix-xahar iżda naturalment saru xi laqgħat oħra skond l-esiġenzi taż-żmien.

**Brussel**

F'Ottubru, bejn it-12 t'Ottubru u l-15 t'Ottubru, bħala membru tar-Reġjun f'isem Ħal Balzan attendejt il-European Week of the Regions fil-kapitali Belġjana Brussel. Hemmhekk kellna tlett t'ijiem ta' workshops u diskussjonijiet ma' rappreżentanti ta' reġjuni, bliet u rħula min madwar l-Ewropa kollha. Kellna wkoll laqgħa mal-President tal-Parlament Ewropew l-Onorevoli Dr. Roberta Metsola fl-uffiċċju tagħha.

**Laqgħat Pulizija**
Impenn ta' kull xahar hija l-laqgħa mal-manager tal-Community Police Team; opportunita' tajba sabiex naqsmu flimkien ideat dwar il-ħidma tal-Community Police Team u sabiex bħala kunsill nwasslu l-feedback u s-suġġerimenti tar-residenti sabiex il-ħidma tal-Community Police Team tkun fukata fuq suġġetti li huma tassew sfida għar-raħal.

**Infrastruttura**
Matul is-sena 2025 komplejna bil-preparamenti meħtieġa f'termini ta' permessi għal proġett mwiegħed f'Ħal Balzan bħala parti mis-serje ta' proġetti nazzjonali Vjal Kulħadd. Komplejna wkoll bil-ħidma ta' diskussjonijiet ma' Infrastructure Malta biex jitfassal program ġdid ta' ħidma sabiex isiru numru ta' toroq f'Ħal Balzan min Infrastructure Malta.

Fi Ġnien Joseph Stellini għamilna l-istalazzjoni ta' gate ġdida mad-daħla sabiex żdiedet is-sigurta', għamilna tibdil fil-bandli sabiex issa t-tgħamir huwa ġdid u aktar sigur filwaqt li nkisbu fondi nazzjonali sabiex f'numru ta' postijiet madwar ir-raħal fis-sena 2026 jitwaħħlu CCTV cameras bl-għan ta' aktar sigurta'.

**Kommunikazzjoni**
Il-Kunsill kompla bil-ħidma sabiex iżomm il-paġna tiegħu ta' Facebook kontinwament aġġornata bl-aħħar żviluppi u notizji importanti. Mal-paġna ta' Facebook żdied ukoll mezz ġdid ieħor, Whatsapp Channel fejn b'hekk dawn abbonati jirċievu messaġġ fuq Whatsapp b'tagħrif importanti.

**Laqgħat oħra**
Naturalment matul is-sena saru numru ta' laqgħat oħra fosthom ma' rappreżentanti ta' l-Enemalta u l-Water Services Corporation b'rabta ma' xi xogħolijiet meħtieġa f'Ħal Balzan, stedina mill-ambaxxata tal-Kuwait sabiex tiċċelebra l-Jum Nazzjonali tal-Kuwait, liema pajjiż għandu l-ambaxxata tiegħu f'Ħal Balzan, u laqgħat ma' numru ta' entitajiet governattivi b'rabta ma' ħidma f'Ħal Balzan.

**Milied**
Fis-27 ta' Novembru ġie varat l-armar tat-toroq tal-Milied, b'fondi miksuba mill-gvern ċentrali. Hawnhekk nroddu ħajr ukoll lill-Balzan Youth Centre ta' kull għajnuna offruta. Bħal kull sena sar ukoll il-ġest li offrejna numru ta' ponzjetti lir-residenti.

**Ippjanar**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan kien attiv b'rabta ma' numru ta' applikazzjonijiet fir-raħal fejn ma' qgħadx lura milli jressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu b'rabta ma' dawn l-iżilvuppi. Ewlenien fosthom proposta li hemm b'rabta mal-binja magħrufa bħala d-Dolphin Complex fi Triq il-Kbira u proposta oħra li hemm fi Triq it-Tlett Knejjes biswit Triq il-Wied ta' Ħal Balzan. Dwar dawn attendejt għal numru ta' *hearings* minn bordijiet differenti fi process ta' applikazzjoni jew appell skond il-każ. Tressqet ukoll oġġezzjoni konġunta flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija b'rabta ma' proposta għal proġett li jmiss maż-żewġ lokalitajiet.

**Grazzi**
Irrid nrodd ħajr lill-sħabi l-Kunsilliera, lill-Minority Leader Dr. Oliver De Gaetano li fih dejjem sibt bniedem oġġettiv u kostruttiv; lill-Viċi Sindku Edward Grech u lill-Kunsilliera Mary Louise Briffa u Annalise Galea. Inrodd ħajr lir-Reġjun Tramuntana fosthom il-kollegi sindki, viċi sindki u kunsilliera fi ħdan ir-reġjun, lill-President ta' l-istess reġjun Clifford Galea Vella u lis-Segretarju Eżekuttiv Bjorn Bonello u t-team kollu tiegħu. Fuq kollox grazzi enormi lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan Doriette Farrugia, lill-Mariella Casha, Sonia Ellul u Carolina Galea u l-dawk kollha li b'mod dirett jew indirett jaħdmu mal-Kunsill. Kienet sena impenjattiva u m'għandi ebda dubju li s-sena 2026 ser tkun aktar impenjattiva.

## Il-Viċi Sindku Edward Grech

Responsabbli mill-Ambjent, iż-Żgħażagħ u Tfal, u l-Kultura

Nibda billi nirringrazzja lir-residenti Balzanin tal-fiduċja li reġgħu wrew fija biex inkompli naħdem f'din ir-responsabbiltà matul is-sena 2025. Din is-sena kienet waħda impenjattiva u produttiva f'kull qasam tal-ħidma tal-Kunsill Lokali. Flimkien mas-Sindku, il-Kunsilliera u l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħdimna kontinwament u b'spirtu ta' ħidma f'tim għall-ġid tal-komunità Balzanija.

Fejn jidħol il-qasam tal-ambjent, matul l-2025 komplejna nsaħħu l-ħidma fuq iż-żamma u l-manutenzjoni tal-ispazji ħodor żgħar li għandna madwar ir-raħal, b'mod partikolari ż-żoni ta' madwar il-pjazza u l-bandli, ta' Wegħsa Ġiġi Gauci, u ta' Triq l-Imdina. Dawn l-ispazji huma importanti ħafna għall-kwalità tal-ħajja tar-residenti, speċjalment għal dawk li jgħaddu minnhom kuljum biex igawdu ambjent aktar seren u nadif.
Barra minn hekk, tkompla l-ħidma sabiex jinħolqu u jiġu żviluppati spazji ħodor ġodda fil-lokalità tagħna. Fost dawn insemmu l-intervent li sar fi Triq il-Qarċilla flimkien mal-manutenzjoni tat-triq, kif ukoll il-proġett li għadu fi stadju ta' studju fi Triq il-Wied. Inħarsu wkoll 'il quddiem b'ottimiżmu lejn il-proġett propost ma' Project Green fuq il-Wegħsa Profs. Ġużè Aquilina, bl-għan li din tiġi żviluppata f'park miftuħ għall-użu tal-pubbliku. Fl-istess waqt, qed insegwu b'interess ir-rinovazzjoni tal-Ġonna ta' Sant'Anton, li huma parti importanti mil-lokalità tagħna u wirt naturali ta' valur kbir. Tajjeb ukoll insemmu il-plegg li f'isem il-Kunsill lokali iffirmajt ġewwa l-Isvizzera waqt il-Forum of Mayor's f'Ottubru li ghadda fejn bħala Kunsill Lokali ser inkomplu l-impenn tagħna fit-tħawwil ta' sigar ġodda madwar ir-raħal.

Ħal Balzan jibqa' raħal mogħni b'nies b'ħafna talenti li, permezz tal-involviment tagħhom, jagħmlu l-komunità tagħna aktar ħajja u sabiħa. Dawn it-talenti jispikkaw b'mod partikolari waqt l-attivitajiet kulturali li jsiru matul is-sena, speċjalment il-festa titulari tar-raħal tagħna, li tibqa' l-akbar ċelebrazzjoni kulturali f'Ħal Balzan. Barra minn hekk, jiġu ċċelebrati wkoll Jum Ħal Balzan, l-attivitajiet tal-Milied, kif ukoll inizjattivi oħra bħall-festa ta' San Valentinu kollha bl-involviment tal-għaqdiet soċjali tar-raħal.
B'sodisfazzjon ninnota li ż-żgħażagħ jibqgħu parti essenzjali minn dawn l-attivitajiet, kemm permezz taċ-Ċentru taż-Żgħażagħ kif ukoll permezz tal-każini tal-banda. L-involviment kontinwu tat-tfal u ż-żgħażagħ jagħti spinta 'l quddiem lit-tradizzjonijiet kulturali li jiddistingwu r-raħal tagħna. Għaldaqstant, bħala Kunsill Lokali, inkomplu nħossu r-responsabbiltà li nsaħħu l-edukazzjoni dwar l-importanza tad-drawwiet u l-wirt kulturali tagħna għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Nagħlaq billi nawgura aktar ħidma u suċċess lill-kollegi tiegħi fil-Kunsill Lokali, sabiex flimkien inkomplu naħdmu biex Ħal Balzan jibqa' raħal li kull min jgħix u jagħmel parti minnu jkun tassew kburi li jsejjaħ Balzani.

## Il-Kunsillier Annalise Galea

Responsabbli mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea, il-Qasam Soċjali, Komunitajiet u l-Indafa

### Indafa

L-indafa għandha titqies dejjem bi prijorità assoluta u huwa fl-obbligu tal-Kunsill Lokali sabiex il-lokalità tinżamm nadifa u għandu jsir kull sfroz sabiex it-tindif ikun ikkordinat bl-aħjar mod sabiex isir dejjem sfroz akbar fit-tindif. Kull ilment jew suġġeriment mir-residenti, għandu jintlaqa' u jingħata l-attenzjoni kollha possibbli sabiex ikunu indirizzati.

1.1 Matul il-perjodu li jkopri l-1 ta' Jannar tal-2025 u l-31 ta' Diċembru tal-2025, l-indafa pubblika ingħata attenzjoni assoluta u prijorità kontinwa sabiex ikun assigurat li Ħal Balzan jingħata dehra aktar nadifa għall-benefiċċju tar-residenti Balzanin. Għalhekk, kompliet tissaħħaħ ir-relazzjoni kontinwa mal-operaturi tal-ġbir tal-iskart u l-operaturi tal-knis. Kull intopp kien indirizzat bl-aħjar mod possibbli sabiex il-ħidma tkun dejjem aktar faċilitata.

1.2 Din il-ħidma hija responsabbiltà ta' kuljum. Din tkopri l-ġbir tal-iskart kuljum skont l-iskeda stabbilta (minn wara l-bibien tan-nies), il-knis skont l-iskeda stabbilita (liema skeda qed tkun moniterata bi tracker li qed jintuża sa mis-sena li għaddiet sabiex ikun segwit ix-xogħol), it-tindif tal-bring-in-sites u l-madwar (dan isir ukoll b'kollaborazzjoni ma' Clean Malta), iż-żamma u t-tindif tal-ġonna pubbliċi, it-tindif tal-gutters fit-toroq, il-privenzjoni għall-firxa tal-ġrieden (tqiegħdu għexieren ta' rat-tablets biex jilqgħu għall-ġrieden), u appelli spissi u kontinwi fuq il-media soċjali b'mod partikolari l-paġni frekwentati mill-Balzanin sabiex iż-żamma tal-lokal tibqa' mogħtija l-attenzjoni.

1.3 Fit-28 ta' April bħala Kunsilliera responsabbli mill-Indafa, ħadt sehem f'konferenza bit-tema 'Insaħħu l-Indafa' organizzat mill-Ministeru tal-Ambjent, Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni fl-MFCC. Din kienet okkażjoni importanti li fiha sar networking bejni u kunsilliera oħra lkoll responsabbli mill-indafa f'lokalitajiet oħrajn.

1.4 Nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru tal-2025 ġiet organizzata Clean-Up day, b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Tramuntana. Għal din l-attività kien mistieden il-pubbliku b'mod ġenerali u tnaddfu diversi akkwati fosthom il-ġnien ewlieni tal-pjazza ta' Ħal Balzan.

1.5 Matul din is-sena, kelli aktar minn okkażjoni waħda biex b'kollaborazzjoni ma' Aderemi Baderwina (Waste Manager tar-Reġjun Tramuntana), bħala kunsilliera responsabbli qattajt nofstanhar flimkien mal-operatur tal-ġbir tal-iskart sabiex nifhem u nitgħallem kif jaħdem l-operat tal-ġbir fil-lokalità. Din l-esperjenza l-hands-on wasslet biex tħejja rapport qasir ta' evalwazzjoni ta' kif jista' jitjieb tali servizz.

### Qasam Soċjali u Komunitajiet

Il-qasam soċjali u l-komunitajiet għandhom irwol importanti fil-ħidma ta' Kunsill Lokali u għalhekk is-sens ċiviku u soċjali jagħti dimensjoni ta' komunità. Il-ħidma favur it-tisħiħ tal-komunità għalhekk iġġib magħha involviment dirett fil-qasam soċjali.

2.1 Qed isir ukoll tentattiv kontinwu sabiex ir-residenti jkunu mogħtija l-opportunitajiet kollha possibbli sabiex jikkommunikaw mal-Kunsill Lokali fuq il-medja soċjali, fl-istess waqt jingħataw tagħrif u informazzjoni oħra relatata mal-ħidma tal-Kunsill u dawk relatati mal-lokalità, fosthom infomrazzjoni dwar servizzi, spiżeriji, football u oħrajn.

2.2 Għaliex il-Kunsill Lokali jemmen f'komunità attiva speċjalment għall-anzjani, bħala Kunsilliera responsabbli mill-Komunitajiet ftaħt diskussjonijiet kontinwi biex jittellgħu sessjonijiet organizzatii kull ġimgħa ta' Chair Pilates f'Ħal Balzan għal dawk kollha interessati. Lejn tmiem din is-sena kien

ikkonfermat li tali attivitajiet se jibdew isiru kull nhar ta' Ġimgħa fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali ta' Ħal Balzan. Dawn is-sessjonijiet se jkunu f'idejn Giancarlo Vella.

2.3 Ġie organizzat tournament tal-futbol mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Żgħażagħ Balzan biex jinġabru fondi għall-festa tal-lokal. Fl-istess waqt, inbdew dikussjonijiet mal-Balzan Football Club biex jiġi organizzat tournament tal-futbol b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ naħat. L-intenzjoni hija li dan it-tournament jiġi organizzat għall-ħabta ta' Settembru tal-2025.

**Fondi tal-Unjoni Ewropea**

L-allokazzjoni tal-finanzi lill-Kunsill Lokali tibqa' element kruċjali fl-amministrazzjoni. Madankollu, il-fondi Ewropej jipprovdu opportunitajiet estensivi li għandhom jittieħdu bis-serjetà fil-qafas tal-governanza lokali.

3.1 Matul il-perjodu, bdew jiġu esplorati diversi possibbiltajiet li minnhom il-Kunsill Lokali jista' jibbenifika fosthom dawk marbuta mal-aspett kulturali, tad-djalogu soċjali, tal-edukazzjoni u t-tagħlim, tal-ambjent, tal-infrastruttura, tal-anzjanità u taż-żgħażagħ. Sa issa ma saret ebda applikazzjoni għal fondi Ewropej.

## Il-Kunsillier Mary Louise Briffa

Kunsillier Responsabbli mill-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Kunsill tat-Tfal

**Kunsill tat-Tfal**

Bħala Kunsill tat-Tfal konna wieħed mill-ewwel ħamsa li ġejna magħżulin biex nibdew nattendu korsijiet dwar kif nitrattaw ma' bniet u subien ta' diversi etajiet u nazzjonalitajiet. Aħna niltaqaw darba fix-xahar mal-Kunsill tat-Tfal ta' Ħ'Attard fejn nagħmlu laqgħa darba ġol-kunsill ta' Ħal Balzan u darba f'ta' Ħ'Attard. F'dawn il-laqgħat jiġu diskussi l-problemi li jiltaqaw magħhom u joħorġu b'ideat ta' attivitajiet li jistaw isiru u flimkien niddiskutu il-loġistika biex dawn l-attivitajiet ikunu possibli filwaqt li nfitxu soluzzjonijiet għal xi diffikultajiet li dan l-ippjanar jista' jaqla.

**Anzjani**

Wieħed mis-servizzi li tkompla fis-sena 2025 kien dak ta' 'shuttle service' mill-pjazza tar-raħal li jwassal lill-anzjani sal-Berġa tas-Saħħa ta' Birkirkara, l-isptar Mater Dei, il-banek u anki l-berġa ta' Ħ'Attard.

Bi pjaċir ngħid li l-ħarġiet ta' kull xahar kull ma jmur qegħdin dejjem isiru iżjed popolari hekk kif l-attendenza tiżdied xahar wara xahar u dan huwa dovut għal għażla tal-postijiet u l-prezzijiet raġonevoli. Waħda mill-ħarġiet li tkun wisq mistennija ta' kull sena hija dik meta nżur il-gżira t'Għawdex għal 'BBQ' fix-xhur sajfin.

**Innovazzjoni**

Din is-sena tellajna tlett attivitajiet fejn l-ewwel waħda kienet dik ta' San Valentinu. F'din l-attivita ħadu sehem diversi entitajiet u persuni Balzanin. It-tieni attivita kienet dik ta' Jum Ħal Balzan fejn tellajna kunċert bil-parteċipazzjoni ta' Kevin Borg u l-kaiżii taż-żewġ baned Balzanin. F'din l-attivita ħadu sehem ukoll l-għaqda Balzanija taż-Żgħażagħ. It-tielet attivita kienet dik organizzata specjalment għat-tfal.

**Konklużjoni**

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lill-President u lir-Reġjun Tramuntana għall-fondi u s-sapport li dejjem jgħatuna. Nirringrazzja wkoll lis-sindku Dr Angelo Micallef tal-appoġġ u l-fiduċja li juri fiha, lill-impjegati kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi li jgħatu matul is-sena kollha. Finalment, nixtieq nirringrazzja lis-sotto kumitat tiegħi, Mary Rose Cutajar, Catherin Zerafa u Stephen Gatt tal-għajnuna kontinwa tagħhom.

**Il-Kunsillier Dott Oliver Nicholas De Gaetano**
Responsabbli mill-Ħarsien tal-Annimali, Sports u Attivitajiet Fiżiċi u L-Integrazzjoni Soċjali